**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 - IT-TLIETA 24 TA' MARZU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-10:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Din il-laqgħa bdiet fl-10:25pm, eżattament wara li spiċċat il-laqgħa tal-lokalità.

1.2. Il-Kunsillier Agius ikkummenta fuq para. 3.4, għaliex skont il-fehma tiegħu, ma kellux ikun hemm problemi biex tiġi installata bozza. Sadanittant is-SE informa lill-Kunsillier Agius li kien irċieva ittra mingħand il-Korporazzjoni Enemalta li tgħid li kien hemm ħafna tul biex jitwassal dawl fil-lok mitlub u għalhekk kull spejjeż addizzjonali kellu jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill.

1.3. Il-Kunsillier Agius speċifika li l-arblu tal-Enemalta li ssemma' f'para. 7.1 qiegħed eżattament quddiem Sprettu Building u għalhekk kien hemm qbil li l-kelma faċċata tinbidel ma' *'quddiem, man-naħa ta'*.

1.4. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-SE u s-Sindku.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

2.1. Il-Viċi Sindku staqsiet lis-SE jekk intbagħtitx l-ittra lill-ADT dwar para. 3.1. Is-SE informa li din kienet għadha ma ntbagħtitx.

2.2. Il-Kunsillier Fenech informa li huwa kien attenda għal-laqgħa dwar il-programm Reach fejn kien hemm qbil bejn il-Kunsilli Lokali kollha li attendew li l-*project leader* għal dan il-proġett se jibqa' l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

2.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 7.2, is-SE informa li l-bankina għandha tinqala' minn postha matul il-ġimgħa ddieħla.

2.4. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Grech dwar para. 3.3, is-SE ikkonferma li din għandha ssir.

2.5. Il-Kunsilliera Miceli ġibdet l-attenzjoni li l-kaptell imkisser li ġie rrapurtat fi Triq Ġużeppi Stivala kien għadu ma ġiex irranġat. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lir-residenti li qed jaħdmu fuq ġewwa tal-isqaq biex jirranġaw il-kaptell fl-iqsar żmien possibli.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI

3.1. Is-Sindku infurmat li kienet qed tifformula kwestjonarju għall-persuni li għandhom diżabbilità fin-Naxxar biex inkunu nafu x'tip ta' bżonnijiet għandhom.

3.2. Fuq talba tal-Kunsilliera Miceli kien hemm qbil li tingħata kopja lill-Kunsilliera kollha għall-kummenti tagħhom qabel ma jiġi stampat u mqassam.

3.3. Kien hemm qbil li ma jkunx jinkludi l-isem tal-persuni biex tinżamm il-kunfidenzjalità.

3.4. Sadanittant is-SE informa li s-Segretarjat Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dalwaqt joħroġ skema għall-Kunsilli Lokali biex jagħmlu postijiet pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd.

## 4. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

4.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-10:55pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 7 ta' April, 2009.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv